BIRKIRKARA

Minuti tal-Tletin laqgha tas-Seba Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Erbgha 15 ta' April 2015 fis 6.30pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| | Is-Sur Kaylocke Buhagiar |
| | Is-Sur Liam Gauci |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenti) |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Herbert Conti |
| | Is-Sur John Mizzi |
| | Is-Sinjura Marie Claire Zammit |
| | Is-Sur John Borg |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion (Assenti Skuzat) |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb(Assenti Skuzata) |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, l-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is- Sur Michael Fenech Adami, is-Sur kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sinjura Marie Claire Zammit, s-Sur John Borg, s-Sur John Mizzi u s-Sur Mark Abdilla. Minn naha tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys Dott. Francesca Zarb kienet skuzata filwaqt li mil-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar is-Sinjur Matthew Mangion kien skuzat ukoll. Ghal din il-laqgha kien hemm il-prezenza tal-publiku. Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

Ma kienx hemm korezzjonijiet.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti bin-numru 29

3.1 Il-minuti tad-disgha u ghoxrin laqgha kienu tqassmu mal-agenda w ttiehdu bhala moqrija. Il-minuti gew approvati mill-Kunsilliera prezenti li vvutaw favur, dawn kienu:- s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is- Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur John Mizzi, is-Sur Mark Abdilla u s-Sur John Borg. Il-minuti tal-laqgha 29 u gew approvati mill-membri kollha prezenti u sekondati mis–Sinjura Rita Borg.

## 4. Kunsiderazzjonijiet u Affarijiet li jirrizultaw mill-minuti numru 29.

4.1 Dwar Il-Kaz tas- Sur Pavia il-Vici Sindku Rita Borg qalet li kienet waslitilha informazzjoni li dan il-kaz kien qieghed quddiem il-qorti peress li l-parti l-ohra, Dott Zammit kien ghamel mandat ta' inibizzjoni kontra s-Sur Pavia. Dan ghaliex huwa kien qed jghid li mhux car jekk il-bicca art li s-Sur Pavia kien qed jghid li hi tieghu, kienetx fil-verita tieghu. Dan

peress li hu kien thallas kumpens meta din l-art giet esproprijata mill-Gvern. Hi ziedet tghid li l-Kunsill kien qed jigi akkuzat li kien hu li ghamel is-sinjal 'Keep Clear'. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li l-kunsill m'ghandux jidhol bejn dawn iz-zewg partijiet. Il-Vici Sindku qalet li hi kienet giet mitluba tghid min kien ghamel dan is-sinjal. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li wiehed ghandu jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet biex jitlob linja gwida dwar dan il-kaz.

4.2 Is-Sindku qalet dan il-kaz ta' Pavia huwa l-istess bhal dak ta' Villa Gatt. L-avukat Larry Formosa qal li hu kien kiteb lill-Lands Department biex jistaqsi ghal-linja gwida izda sal-lum hu kien ghadu bla risposta.

4.3 Is-Sijura Marie Claire Zammit staqsiet kienx hemm xi zvillup dwar Triq F.S. Caruana. Is-Sindku wiegbet li s'issa kien sar *survey*. Is-Sindku staqsiet lis-Sur Michael Fenech Adami min kien il-kuntrattur li kien ghamel din it-triq. Hu wiegeb li din saret mill-privat wara li kien sar *reinstatemt,* minn certu wiehed maghruf bhala l-*Franciz*. Hu zied jghid li din il-kwistjoni kollha kienet minhabba culvert li ma' kienx maqghud ma' culvert iehor li jinsab fi Sqaq Dun Perin bil-konsegwenza li Triq F.S. Caruana kienet qed tereq meta taghmel ix-xita.

4.4 F'dan l-istadju s-Sindku ssospendiet l-laqgha biex tigi diskussa l-problema tal-pavimentar tal-Pjazza Tomasso Dingli. Minhabba din il-kwistjoni kien hemm prezenti l-avukat tal-kunsill Dott. Larry Formosa, Is-Sur Vincent Borg, il-Kuntrattur li ghamel ix-xoghol f'din il-pjazza, l-avukat tas- Sur Vincent Borg, il-perit Ruben Sciortino flimkien mal-perita Marie Louise Musumeci, l-periti responsabli ghal dan ix-xoghol, l-avukat Dott. Ian Stafrace, li kien qed jirraprezenta lis-Sur Ruben Sciortino u s-Sur Ray Pellicano, l-persuna li kienet kitbet it-tender ghal dawn ix-xogholijiet.

Is-Sindku qalet li l-avukat tal-kunsill kien kiteb lis-Sur Sciortino dwar il-pavimentar li kien qed jinqala. Is-Sur Sciortino qal li huwa kien irceva din l-ittra u kien irrispondiha. Is-segretarju qal li dak li xtaq ikun jaf il-kunsill kienx jekk din il-pjazza gietx iddisinjata biex tkun *pedestrian* u jekk iva din kienetx ir-raguni li qed jinqala l-pavimentar peress li din kienet qed tintuza minn vetturi ukoll, jigifieri ma kienetx qed tintuza bhala *pedestrian*. Il-perit qal li din it-triq kienet giet iddisinjata bhala *pedestrian*. Mistoqsi minn fejn johrog dan huwa wiegeb li dan kien johrog kemm mill-permess mahrug mill-MEPA kif ukoll mill-*ispecifications* tat-tender. L-avukat Dott. Ian Stafrace qal li dan kien indikat fir-risposta li kien baght hu. Hu zied jghid li fil-pjanta annessa mal-permess mahrug mill-MEPA hemm indikat li kellhom jitwahhlu '*bollards*' li jindikaw li din iz-zona kellha tkun *pedestrian*. Il-perit Sciortino kompla jghid li hu kien informa lill-kunsill b' ittri ufficjali, wahda datata 4 ta' Novembru 2013 u ohra datata 16 ta' Mejju 2014 fejn kien stqar li din il-pjazza kienet giet iddisinjata bi prijorita pedonali u ma kienetx giet iddisinjata biex terfa piz ta' traffiku, kif kienet qed tiehu t-triq prezentament. Barra minhekk fit-tender kien hemm imnizzel bhala *item* erbatax il-*remote control* ghall-*bollards*. Din il-pjazza zied jghid, kienet iddisinjata biex tiehu 'minor traffic' u fil-fatt fejn kienu qed jipparkjaw vetturi ma kienx hemm l-ebda hsara. Il-hsara kienet biss minn fejn kien qed jghaddi t-traffiku. Kull meta mar *on site* huwa dejjem ra ammont ta' traffiku li kien ghaddej bi speed eccessiv. Dan kien johloq certu vibrar li jcaqlaq il-maduma, bil-konsegwenza li jinqala l-'*grouting,*' jidhol l-ilma taht il-maduma u b'hekk tinqala. Dan kollu zied jghid kien imfisser fl-ittri li kien bghat lill-kunsillu li sal-lum ma' kellux risposta ghalihom.

Is-Sindku staqsiet lil-perit ghaliex meta gie deciz li t-triq ma' tkunx *pedestrian*, minhabba oggezzjonijiet mir-residenti, ma sarux tibdiliet fil-hxuna tal-maduma uzata. Il-perit wiegeb li sa fejn jaf hu l-laqgha mar-residenti kienet saret bejn Gunju u Lulju tal-2012 meta l-madum kien ga

ordnat f'April tal-istess sena. Hu qal li l-problema kienet li l-madum uzat kien irqiq wisq ghall ammont ta' traffiku li jghaddi minn din il-pjazza. Barra minn hekk hu xtaq jghid li sakhemm tlesta l-progett hu qatt ma kien gie infurmat li din it-triq kienet sejra tintuza ghal-traffiku normali. F-laqghat li kienu saru lejn l-ahhar tal-progett, kien gie deciz li jitwahhlu sinjali 'No Entry' jew 'Entry for residents only'. Sal-lum dawn it-tabelli ghadhom ma twahhlux.

Is-Sindku qalet li hi tista titkellem biss fuq l-ahhar laqgha li kienet saret mar-residenti. Hawnhekk bhal ma jaf hu kien gie deciz li l-perit tal-Kunsill, il-perit Lewis, kellu jara kif jista jigi iddevjat it-traffiku biex il-pjazza ma tibqax tintuza minn ammont kbir ta' vetturi kif kien qed isir illum u b'hekk jitnaqqas it-traffiku minn din il-pjazza.

Is-Sindku staqsiet lis-Sur Michael Fenech Adami kienx jaf li l-maduma uzata, ma kienetx tiflah certu ammont ta' traffiku. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li l-pjazza, kif qal il-perit, kienet iddisinjata biex tkun pedonali. Wara li saret il-laqgha mar-residenti, fejn kienu prezenti membri tal-kunsill minn naha tal-Partit Laburista kif ukoll i-segretarju, r-residenti kienu oggezzjonaw li l-pjazza ssir pedonali u minhabba telf ta' *parking spaces*. F'dan l-istadju kienu inbidlu l-pjanti biex jintrebhu izjed *'parking spaces'* kif kien mitlub mir-residenti stess. Huwa zied jghid li wara li tlesta l-progett, kien hemm xi hsarat zghar li gew irrangati. Izda l-akbar hsara saret meta inghalqet Triq il-Wied minhabba li kienu qed isiru xogholijiet tal-Flood Relief Project, u t-traffiku beda jgahddi minn din il-pjazza. Hu kien talab lill-kunsill bix jinforma lill-*Transport Malta* dwar dan. Is-Sindku qalet li l-hsara kienet ga bdiet, qabel ma sar dan.

Il-Perit Sciortino qal li l-hsara li saret qabel ma kienetx wahda estensiva pero meta nghalqet Triq il-Wied, jigifieri mit-30 ta' Settembru 2013 sal 4 ta' Novembru 2013,  il-hsara minhabba l-ammont ta' vetturi li kienu qed jghaddu izjed milli irdopjat. Is-Sur Mark Abdilla staqsa jekk kieku sar Traffic Management ahjar, din il-hsara setghetx tigi evitata. Il-perit wiegeb li wiehed jista jqabbel din is-sitwazzjoni ma wahda fejn kieku hu

gie mitlub biex jiddisnja pont biex jghaddu n-nies u minn fuq dan l-itess pont bdew jghaddu l-karozzi, ovjament dan il-pont kien icedi u jekk le, ir-raguni kienet tkun li sar 'overdesign'. Hu zied jghid li fil-kaz tal-pjazza meta beda jintwera li din kienet qed issirilha hsara minhabba l-ammont ta' traffiku li kien qed jghaddi, f'ittra li kien bghat kien gie issugerit li jinbidel il-grouting ghal wiehed izjed b'sahtu.

Is-Sindku staqsiet lil-perit x'kien ghamel meta sar jaf li t-triq ma kienetx sejra tinghalaq. Hu wiegeb li meta sar jaf b'dan kien kiteb lil-kunsill ufficjalment fejn huwa spjega x'setghu jkunu il-konsegwenzi ta' dan. Din l-ittra kienet iddatata fl-4 ta' Novembru 2013.

Is-sindku staqsiet jekk kellux jintuza l-istess madum meta din tigi irrangata. Il-perit spjega li peress li dan kien progett iffinanzjat minn fondi Ewropej, kien difficli li wiehed jibdel certu specifications.

Il-Kunsillier s-Sur Conti qal li-maduma ma tiflahx traffiku u ghalhekk ix-xoghol kien sar bl-addocc. Il-perit wiegeb lis-Sur Conti li ghandu jnehhijha minn-rasu li sar xoghol bl-addocc. Hu gie mitlub biex jaghmel pjazza pedonali u minflokk bdiet tintuza ghal-karrozzi. Ghalhekk kienet qed ssir hsara. Tant hu hekk m'hemmx hsara fil-parking areas.

Is-Sur Michael Fenech Adami qal li kull pass li ttiehed kien maghrraf bih il-kunsill. Dan jinkludi certifikazzjoni tas-sahha tal-maduma, prezz ecc. Is-sindku wiegbet li l-kunsill ma kienx tekniku u ghalhekk qaghad fuq pariri ta' nies teknici.

Il-Kunsillier is-Sur Liam Gauci, staqsa jekk qabel ma nfetthet it-triq ghat-traffiku kienx ittiehed parir minn perit dwar dan. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li waqt laqgha li kienet saret ghar-residenti, fejn kienu prezenti il-perit Ruben Sciortino kif ukoll il-perita Marielouise Musumeci, huma kienu kwazi gew mghedda u sahansitra anka kien gie l-kunsill il-kappillan tal-knisja l-qadima li qal li s-Sur Michael Fenech Adami kien qal xi haga li hu jiichad li kien qal. Sfortunatament zied jghid is-Sur Michael Fenech Adami, r-residenti kienu gew svijati minn persuna jew persuni li l-ghan

taghhom kien biss biex jaghmlu l-hsara. Wahda minn dawn il-persuni qalet li hi kienet il-Franco Debono tal-kunsill u li kienet lesta li tghaddi minn fuq is-Sindku ta' dak iz-zmien.

Is-Sur Vincent Borg qal li jikkonferma li s-sodda ta' taht il-madum kienet wahda tajba u li din ma nizlet minn imkien. Is-Sindku staqsiet jekk isir traffic management kienetx tieqaf il hsara. Il-perit wiegeb li jekk dan isir il-hsara ma kienetx tkompli tizdied, pero l-hsara kienet ga saret. Is-Sindku staqsiet jekk b'dan it-tip ta madum setghux isiru xogholijiet ta' kostruzzjoni f'din il-pjazza jekk dan ikun rikjest mir-residenti. Il-kuntrattur is-Sur Vincent Borg qal li dan seta jsir, basta ingenji bhall krejnijiet juzaw pjanca taht is-saqqajn. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li kif kien mifthiem fil-laqgha mal-publiku, fejn kienu prezenti kemm il-perit Ruben Sciortino kif ukoll il-Perit Lewis, ghandha tinfetah Old Railway Road biex it-traffiku jghaddi lejn il-kullegg San Alwigi u b'hekk jigi evitat it-traffiku lejn il-pjazza. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li issa wasal iz-zmien li wehed jara x'hemm bzonn biex tissewwa t-triq u kemm din sejra tigi tiswa.

Is-Sindku staqsiet lill-perit jekk il-pass li jmiss kienx li jsir it-traffic management kif gie mifthiem. Il-perit Ruben Sciortino qal li dan kien kif gie ssuggerit mil-perit tal kunsill jigifieri l-perit Lewis u mhux minnu. Hu zied jghid li ma kienetx etika li perit jidhol fuq iehor.Is-Sindku qalet li l-perit tal-kunsill m'ghandux jidhol hu responsabli ghal din id-decizjoni ghalhekk ir-residenti ghandhom jigu infurmati li fuq il-fehma tal-perit Sciortino l-pjazza ghandha tinghalaq komplitament. Dott. Ian Stafrace gibed l-attenzjoni li ma kienx il-perit li ddecieda li din il-pjazza tkun wahda pedonali imma li t-tender kien jistupula hekk. Is-Sur John Borg qal li l-importanti kien li ma' jghaddiex traffilku. Hu zied jghid li r-residenti li oggezzjonaw waqt il-laqgha ma kienux vera residenti. Hu zied jghid li din il-laqgha kienet orkestrata u min oggezzjona lanqas biss kien jghix f'din il-pjazza.

4.5 F'dan l-stadju s-Sur Vincent Borg qal li fuq din it-triq li l-kunsill kellu jaghti bilanc ta' €88,750. Is-Sindku wiegbet li dawn kienu ghal xogholijiet ta' tarmac u li dawn kienu ghadhom mhux iccertfikati. Is-Sur Vincent Borg qal li hu ftit ghandu kontroll fuq dan biex din it-triq tigi iccertfikata. Li kien jaf biss kien li hu mhux bank. Hu kien hallas il-pagi kif ukoll materjal u spejjes ohra. Dan sar billi hu ssellef mil-banek u kien qed jehel l-imghax. Il-kont kien ilu mibghut min meta s-Sur Michael Fenech Adami kien ghadu Sindku. Is-Sur Borg qal li barra dan ix-xoghol kien hemm kontijiet ta xogholijiet ohra bhal dak li sar f' Misrah it-Tigieg. Is-Sindku wiegbet li rigward Sqaq it-tigieg is-Sur Michael Fenech Adami kellu ftheim ma' Transport Malta. Is-Sur Michael Fenech adami qal li l-kunsill kellu ftheim u mhux hu personali. Is-Sindku wiegbet li hu kul ma kellu kienet e-mail minghand is-Sur Jonathan Vella. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li s-Sur Jonathan Vella kien ic-chairman tar-roads department u mhux kif kienet qed tirreferi hi ghalih bhala bicca skrivan. Is-Sindku qalet li s-Sur Jonathan Vella kien speci ta' manager. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li dan kien ic-Chairman tar-roads department u vici-chairman ta' Transport Malta. Is-Sindku qalet li l-kunsill hafna drabi kien kiteb lil-Transport Malta kif ukoll lill-ministru. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li meta L-Onor. Joe Mizzi zar il-kunsill, hu kien gie ma tnejn minn-nies, l-istess nies li kienu raw ix-xoghol, kejlu x-xoghol u approvawh. Is-Sur Vincent Borg qal li meta saret it-triq, it-tarmac kien sar peress li l-Water Services kienet talbet biex jinbidlu il-*mains*. Dan ix-xoghol sar billi l-kunsill halless ghat-thaffir tat-trinek waqt li l-Water Services halset ghal materjal. Is-Sinjur Michael Fenech Adami offra li jekk il-kunsill jaqbel, hu kien jghin lis-segretarju jsib dokumenti fejn dawn juru li kienet il-Water Services Corportaion li kienet talbet biex jinbidlu il-mains.

Meta s-Sur Vincent Borg gie mistoqsi mis-Sindku kemm hu kellu jiehu minghand il–kunsill huwa wiegeb li hu kellu jiehu madwar €230,000. Is-Sur Borg qal li meta hu kellu meeting mas-Sur Piscopo, c-Chairman ta' Transport Malta, dan kien qallu li l-kunsill kellu jibghat xi dokumenti lis-Sur Simon Grima. Is-Sindku wiegbet li dak kollu mitlub kien inghata. Is-

Sur Michael Fenech Adami qal li jekk it-Transport Malta kienet qed tistenna dawn id-dokumenti allura din kienet prova li huma kienu accettaw li dan ix-xoghol kellu jithallas minnhom.

Is-Sindku staqsiet lis-Sur Michael Fenech Adami jekk ix-xoghol kienx sar b'tender. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li dan kien minnu u kien sar bit-tender li intuza ghall PPP li gie approvat minn Transport Malta. Is-Sindku staqsiet jekk Sqaq it-Tigieg kienx inklux fil-PPP. Is-segretarju wiegeb fin-negattiv. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li dawn ma kienux parti mill-PPP imma Transport Malta qablet li jintuzaw l-istess rati li jidru f'dan it-tender.

4.6 Is-Sur Anthony Buttigieg qal li l-laqgha mas-Sinjorina Marthese Buttigieg kienet saret izda ma ntlahaq l-ebda ftheim. Ghall din il-laqgha kienu prezenti Is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur Jimmy Calleja, s-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Charles Gtech u s–segretarju. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li hu kien mitlub ikun prezenti mhux biex isir ftheim imma biex jaghti spjegazzjoni.

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kunsill – Lista Numru u l-Petty cash

Il-Lista tal-pagamenti numru  kienet tqassmet mal-agenda w ttiehdet bhala moqrija. Hadd ma staqsa xejn.

Il-lista tal-pagamenti kif ukoll dik tal-Petty Cash gew approvata mill-membri kolha prezenti u ssekondati mis-Sur Anthony Buttigieg.

## 6. Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

6.1 Is-Sur Jimmy Calleja staqsa lis-Sinjur Michael Fenech Adami jekk fi zmienu

kienx sar xi kuntratt jew ftheim biex jigi pprovdut trasport ghall-anzjani lejn id-*Day Care Centre*. Is-Sinjur Michael Fenech Adami irrisponda fin-negattiv. Hu zied jghid li dan kien beda minn ta' qablu u hu kompla fuq dak li sab.

6.2 Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa jekk bozza li tnehhiet fi Triq Francesco Buhagiar kienetx sejra terga tehel. Is-Sindku rrispondit fl-affirmattiv.

6.3 Is-Sur John Borg staqsa jekk il-fondi rigward il-fjuri kienux wasli. Is-Sindku wiegbet li 75% mill-fondi kienu dahlu fil-kont tal-bank. Issa l-kunsill kien qed fi stadju li johrog tender biex dan il-progett isehh.

## 7 Korrispondenza

Is-Sindku qalet li kienet irceviet ittra ta' rizenja minn wahda mill-impjegati, s-Sinjura Mary Rose Bonello fejn din qalet li hi kienet sejra tirrezenja ghax xtaqet '*early retirement*'.

## 8 Kommunikazzjoni mis-Sindku

8.1 Ma kienx hemm l-ebda kommunikazzjoni mis-Sindku

## 9 Gheluq

Il-laqgha spiccat fit-8.05 pm u giet aggornata ghall-nhar it-Tnejn, 11 ta' Mejju 2015 fis-6.30 pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

| | |
|---|---|
| Arthur Pizzuto<br>Segretarju Ezekuttiv | Joanne Debono Grech<br>Sindku |